MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**CASSAR JOSEPH LL.D.**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2002

Numru 1003/2002

**Pulizija**
(Spett. C. Ellul)
(Spett. M. Micallef)

**vs**

**Vincent Borg**
**Baldassare Borg**
**Arthur Bonsfield**
**Luke Gili**
**Alfred Gili**

l-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija :
Vincent Borg ta’ 48 sena, iben Joseph u Maria Antonia nee’ Vella, imwieled il-Belt Valletta fis-17 ta’ Frar 1954, u joqghod Blk 5, Flat 7, Door C, Misrah Lewza, San Gwann,.detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 227554M.

Baldassare Borg ta’ 20 sena, iben Vincent u Tracy Yvonne Anne nee’ Pollard, imwieled il-Pieta fil-7 ta’ Mejju 1982, u li joqghod Blk 5, Flat 7, Door C, Misrah Lewza, San Gwann, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 264982M

Arthur Bonsfield ta’ 43 sena iben Carmelo u Mary nee’ Said, imwieled Haz-Zabbar fid-19 ta’ Marzu 1959 u li joqghod Flt. 1, Pjazza Sant’ Antnin, Binja Kordin, Blk b, Paola, detentur tal-Karta ta’ l-identita bin-numru 241159 M.

Luke Gili ta’ 21 sena iben Joseph u Pauline nee’ Lautier, imwieled il-Pieta’ fid-9 ta’ Novembru 1981 u li joqghod Flt 5, Blk B5, Triq Mahatma Gandhi, Fgura, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 652581M.

Alfred Scerri ta’ 18 sena iben Godwin u Maria Dolores nee’ Camilleri, imwieled il-Pieta fit-28 ta’ Mejju 1984 u li joqghod Flt 2, Ent. D, Triq il-Ghajn, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 271284M.

Talli:-

Flimkien ma nies ohra mhux maghrufa fit-30 ta’ Novembru 2002, ghal-habta ta’ 4.00pm, fil-ground Nazzjonali ta’ Ta’ Qali, fit-tmiem tal-partita Valletta vs Floriana:

1) Attakkaw jew ghamlu reziztenza bi vjolenza , jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, fuq il-persuna ta’ A.C. J. Brincat, Insp. A.Miruzzi u PC 1236 Gerald Manfre’, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita kompetenti, liema attak jew reziztenza saru minn tlieta minn nies jew aktar, u dan bi ksur, u dan bi ksur tal-Artiklu 96(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddu je ghamlu offiza fuq il-persuni imsemmija liema persuni huma inkarigati skond il-Ligi minn Servizz Pubbliku, waqt li kienu jghamlu jew

minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizzjew bil-hsieb jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3) Talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu uniformi tal-pulizija liema hsara teccedi Lm 10 izda ma teccedix il-Lm 50 ghad-dannu ta' A.C. J. Brincat u l-Gvern ta' Malta

4) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xewwxu gemgha ta' nies li hekk ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar sabiex jaghmlu r-reat

5) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hadu parti f'gemgha t'ghaxra min-nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il-gemgha ta'nies ma tkunx giet imxewwxa minn hadd partikolari, wettaqtu dak ir-reat li dik il- gemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel.

6) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fid-dmir tal-Pulizija, u billi gabu fix-xejn jew hassru dak li l-Pulizija ghamlu skond il-ligi.

7) Talli fl-istess data, lok u hin cirkostanzi, ghad li kienu xurbana, qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor, offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

8) Talli fl-istess data, lok u hin cirkostanzi , kisru volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

9) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kienu dehlin fil-ground ta' l-Isports, jew filwaqt li kienu hemm, jew kienu hergin minn hemm, uzaw kliem offensiv, jew urew imgieba offensiva.

U Lill-Vincent Borg wahdu:

10) U aktar talli rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Malta) datata 11 ta' Marzu 1003, liema sentenza hija definitiva u ma tistax tigi mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom. Issibhom hatja.

Rat l-artikolu 96(b), 325(c), 68(l) 338 (b) (b), 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront ta' Vincent Borg ukoll rat

l-art 49 tal-Kap 9. Rat wkoll l-art 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ l-akkuzati kollha.
Qed tiddeciedi li tapplika l-imsemmi art. 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta bit-tama li f’dan il-pajjiz il-loghob tal-ballun jibqa’ loghob u mhux taqtigha bejn nies li jilaghbu jew imorru jaraw loghba u billi l-akkuzati talbu skuza seduta stante lill-membri tal-korp tal-Pulizija li f’okkazzjonijiet ta’ loghob tal-ballun dmirhom jitqal u billi l-istess akkuzati intrabbtu quddiem il-Qorti li jaghmlu tajjeb ghall-hsara minnhom maghmula.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lill-akkuzati hatja tilliberahom taht il-provedimenti ta’ l-art.9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’dan li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin minn illum. Il-Qorti qed taghmilha cara li din hi l-ahhar darba li qed tapplika dan l-art. specjalment fil-konfront ta’ Vincent Borg.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni ghas-sospensjoni ta’ l-akkuzati minn kull dhul f’qasam sportiv, tilqaghha u tissospendi lil-hatja ghall-erba’ xhur minn kull dhul b’dan li l-hati Baldassare Borg li jilghab il-ballun ikun jista’ jidhol ghal hekk fi ground u ghalhekk biss.
Rat wkoll li l-hatja weghdu li ser jaghmlu tajjeb ghall-hsara f’uniformi tal-Pulizija u hekk tordnalhom li jaghmlu ‘in solidum.’

(ft) Magt. Dr Joseph Cassar, BA, LL.D

Vera Kopja ta’ l-original.

M.Mifsud,BA (Deputat Registratur)